MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2007

Rikors Numru. 30/2006/1

**Brian Vella**
**vs**
**Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**atti tar-rikors** li permezz tieghu ir-rikorrent isottometta:

Illi l-esponent kien tressaq il-Qorti fit-3 ta' Mejju 2003 mixli b'diversi akkuzi;

Illi wara l-hrug ta' l-att ta' l-akkuza huwa gie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali fit-2 ta' Frar 2004 sabiex jibda s-smigh tal-guri fil-konfront tieghu;

Illi fil-pendenza tas-smigh ta' dan il-guri u wara li kienu nstemghu diversi xhieda l-Avukat Generali kien ressaq sabiex jixhed lil Domenic Bonnici li skond l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali kien persuna li ma kienx kompetenti sabiex jixhed u dan stante li (kien akkuzat bl-istess akkuzi) sa dak iz-zmien il-proceduri kontra l-istess Domenic Bonnici ma kienux gew ezawriti;

Illi di piu', ix-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija li kien xehed fuq dak li kien qallu l-istess Domenic Bonnici kienet tefghet implikazzjonijiet fir-rigward ta' l-involviment u l-htija o meno tar-rikorrent, liema implikazzjonijiet gew mitqala bhala fatti;

Illi sussegwentement ghal dan ghab-bazi ta' eccezzjoni sollevata mill-Avukati Difensuri tar-rikorrent fir-rigward tan-nuqqas ta' ammissibilita tax-xhud u l-Avukat Generali, Domenic Bonnici l-Onorabbli Qorti Kriminali preseduta mill-Onorevoli Imhallef Joe Galea Debono permezz ta' digriet moghti minnha fl-4 ta' Frar 2004 iddecidiet billi wara li ddikjarat li "*il-Qorti tirraviza problema ohra serja ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja f'dan il-kaz li tista' timpingi serjament fuq id-dritt tal-akkuzat ghal smigh xieraq…",* ghaddiet sabiex ixxolji l-guri u ddiferixxiet il-kawza '*sine die'* biex tinstema' quddiem gurati differenti;

Illi tali xhieda u r-rakkonti li taw dawn ix-xhieda fis-smigh ta' l-imsemmi guri gew rapportati b'mod estensiv mill-gurnalisti fejn ir-rakkont ta' l-implikazzjonijiet maghmula miz-zewg xhieda gew rapportati bhala fatti;

Illi sussegwentement saru u gew konkluzi l-proceduri fil-konfront ta' Domenic Bonnici li kien akkuzat bhala komplici fl-istess reati li bihom huwa akkuzat ir-rikorrent u dan billi wara li l-istess Bonnici ta rakkont u stqarrija fir-

rigward tar-reati in kwistjoni li fihom implika u dahhal lir-rikorrent huwa ressaq ammissjoni ghall-akkuzi quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali kif preseduta mill-Onorevoli Imhallef Joe Galea Debono;

Illi l-proceduri ta’ l-istess Bonnici ukoll gew rapportati b’mod estensiv b’narrazzjoni tal-fatti fir-rigward tar-reati in kwistjoni kif stqarrhom Domeniic Bonnici u dan anke billi gie indikat lir-rikorrent bhala li ppartecipa f’dawk il-fatti kif xehed fuqhom Bonnici u gew allokati lir-rikorrent tortijiet u responsabbilita’  ghal dawk il-fatti;

Illi sussegwentement rega’ gie appuntat ghas-smigh il-guri tar-rikorrent u dan fl-10 ta’ Jannar 2006 quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali preseduta mill-istess Onorevoli Imhallef Joe Galea Debono;

Illi fl-ewwel gurnata tas-smigh tal-provi fil-kors ta’ dan l-imsemmi guri ittella’ jixhed il-Kummissarju tal-Pulizija li waqt ix-xhieda tieghu semma fatti li ma humiex ammissibbli skond il-ligi u liema fatti jippregudikaw il-pozizzjoni tar-rikorrent;

Illi fil-fatt il-Kummissarju tal-Pulizija fix-xhieda tieghu ndika li r-rikorrent kien qieghed fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u b’hekk ta’ x’jifhem li r-rikorrent kien qed iservi piena moghtija lilu minflok li kien il-habs jistenna l-ezitu ta’ dawn il-proceduri u konsegwentement gie mahluq pregudizzju serju fil-konfront tar-rikorrent;

Illi sussegwentement fl-10 ta’ Jannar 2006 permezz ta’ digriet moghti f’dik id-data mill-Onorabbli Qorti Kriminali din il-Qorti wara li stiednet lid-difiza sabiex jirrinunzja ghad-dritt tieghu li jressaq ilment f’dan ir-rigward f’appell futur, ghaddiet sabiex tilqa’ t-talba tad-difiza u ordnat ix-xoljiment mill-gdid tal-guri;

Illi tali ncident kif ukoll ix-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija gew rapportati b’mod estensiv mill-gurnalisti fejn l-implikazzjoni maghmula mill-Kummissarju tal-Pulizija giet rapportata bhala fatt u b’hekk twassal lill-pubbliku li minnu jridu jintaghzlu l-membri tal-gurija ukoll l-impressjoni li r-

rikorrent kien qieghed iservi xi pieni li huwa kien ircieva qabel u tali mpressjoni nghatat minn persuna li l-kariga tieghu ggib maghha certu konvinciment;

Illi l-istess Kummissarju tal-Pulizija wara l-incident li holoq fis-smigh tal-guri kompla jaghti aktar attenzjoni lil dan il-kaz billi huwa stess sejjah konferenza stampa fejn gew mistiedna l-gurnalisti li wara taw rapportagg estensuv lil dina l-konferenza u fejn huwa tkellem dwar il-guri tar-rikorrent u xhieda li huwa stess kien ta f'dan il-guri;

Illi l-guri tar-rikorrent gie appuntat mill-Onorabbli Qorti Kriminali ghal 5 ta' Gunju 2006 u cioe erba' xhur biss wara li l-pubbliku li minnhu jridu jintaghzlu l-membri tal-gurija inghata rakkonti ta' fatti li serjament jippregudikaw il-prezunzjoni ta' l-innocenza fir-rigward tar-rikorrent u d-dritt tieghu ghal smigh xieraq;

Illi permezz ta' rikors ipprezentat mir-rikorrent quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali fit-3 ta' April 2006 huwa talab lil dik l-Onorabbli Qorti sabiex fid-dawl tal-premessi hemm maghmula "*din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna illi l-guri tieghu li huwa appuntat ghal 5 ta' Gunju 2006 ma jistax isir ghar-ragunijiet indikati fir-rikors u konsegwentement tiehu dawk il-passi u proceduri xierqa u opportuni fid-dawl tal-principju fondamentali tal-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat u dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja .*"

Illi tali rikors gie michud mill-Onorabbli Qorti Kriminali permezz ta' digriet moghti fis-7 ta' April 2006 billi kkonkludiet:

"*Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad it-talba tal-akkuzat, b'dan li tirrizerva li tiehu l-mizuri kollha waqt il-guri fuq elenkat biex jigi assikurat id-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq.";*

Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif fuq indikati fosthom il-pubblikazzjoni u gbir ta' xhieda ta' persuna komplici li ndikat implikazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent liema

implikazzjonijiet gew rapportati bhala fatti; u il-pubblikazzjoni tax-xhieda moghtija mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn gie moghti l-impressjoni li r-rikorrent qieghed iservi xi piena fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin; u peress illi l-istess Onorabbli Qorti ppresediet il-proceduri fil-konfront ta' Domenic Bonnici li kien akkuzat b'komplicita fl-istess reati u anke pprezediet iz-zewg gurijiet fil-konfront tar-rikorrent li gew xolti, jinciedu b'mod serju fuq il-prezunzjoni ta' l-innocenza u fuq id-dritt ghal smigh xieraq li jgawdi minnhom bhala drittijiet fondamentali r-rikorrent;

Illi dawn ic-cirkostanzi jqajmu fir-rikorrent u anke oggettivament f'individwu ordinarju dubju dwar l-imparzjalita' mehtiega fi kwalunkwe proceduri u fuq in-necessita' ta' smigh xieraq;

Illi in oltre meta wiehed iqis dawn ic-cirkostanzi fil-konfront tal-poter ta' influenza li jgawdu l-mezzi tal-*media* kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija fuq ic-cittadini, li minnhom sejra tintaghzel il-gurija, dan inaqqas dik il-fiducja li l-kors tal-gustizzja ghandu dejjem izzomm f'socjeta' demokratika u li tqajjem dubju fuq l-imparzjalita' tal-process u ghalhekk l-esponent ghandu ragunijiet oggettivament legittimi u li jinducu lil individwu ordinarju sabiex jiddubita mill-imparzjalita' rikjesta ghal smigh xieraq;

**Ghaldaqstant** l-esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li l-process tieghu minn dik l-istess Onorabbli Qorti Kriminali sejjer jikkostitwixxi u jinduci jew jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta f'Kapitolu 319 u fil-Kostituzzjoni ta' Malta, u konsegwentement tghaddi sabiex taghti dawk ir-rimedji mehtiega sabiex id-drittijiet ta' l-esponent jigu mharsa u salvagwardjati mill-pregudizzju serju li kkreat fil-konfront tieghu bic-cirkostanzi fuq indikati u taghti dawk id-direttivi kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-**Risposta ta' l-intimati** a fol. 7 tal-process fejn issottomettew:

L-allegazzjoni migjuba mir-rikorrent fir-rikors odjern hija dik ta' vjolazzjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fi kliem ir-rikorrent, ix-xoljiment tal-guri ghal darba darbtejn, ir-rapport estensiv tal-proceduri u tax-xhieda mill-media, ix-xhieda moghtija mill-Kummissarju tal-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali, l-konferenza stampa msejha mill-Kummissarju tal-Pulizija in segwitu tax-xhieda moghtija minnu quddiem il-Qorti Kriminali, l-fatt illi l-Onorabbli Qorti ppresediet il-proceduri fil-konfront ta' Domenic Bonnici li kien akkuzat b'komplicita fl-istess reati u anke pprezediet iz-zewg gurijiet fil-konfront tar-rikorrenti li gew xolti, dawn il-fatturi kollha jincidu fuq il-prezunzjoni tal-innocenza u fuq id-dritt ghal smigh xieraq kif protett taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta.

In vista tas-suespost, ir-rikorrent jinterpella lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tghaddi biex taghti dawk ir-rimedji mehtiega sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet tieghu, kif ukoll li taghti dawk id-direttivi kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.

Illi fl-opinjoni tal-esponenti, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:-

Fl-ewwel lok, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha ghat-tenur tal-proviso tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u s-subinciz (2) ta' l-artikolu 4 tal-Kap.319, stante illi r-rikorrent ma ezawrix ir-rimedju ordinarju ghad-dispozizzjoni tieghu.

Illi l-proceduri kontra r-rikorrent ghadhom ma gewx konkluzi u ghaldaqstant ghad hemm possibbilita' ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali mill-eventwali verdett u sentenza tal-Qorti Kriminali.  F'dan il-kuntest, referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Sonia Zammit et v. Il-Ministru ghall-Politika Socjali et,** deciza mill-Onorabbli Qorti Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Frar, 2006 fejn dina l-eccezzjoni giet ezaminata b'mod estensiv mill-Onorabbli Qorti.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-fatti fuq esposti ma jwasslu ghal ebda ksur ta' xi dritt appartenti lir-rikorrent kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jew mill-Kostituzzjoni ta' Malta:-

**1. Il-coverage moghti mill-media**

*Illi fi kliem ir-rikorrent, il-proceduri kriminali gew rapportati mill-media b'mod estensiv, b'hekk twassal lill-pubbliku, li minnu trid tintghazel il-gurija, impressjoni ta' htija fuqu.*

Din l-allegazzjoni hija ghal kollox infondata: fl-ewwel lok, il-pubblicita' fil-proceduri kriminali hi parti mid-dritt fondamentali ghal smigh xieraq, tant li l-pubblicita' hi tassattivament rikjesta mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li tirrikjedi "*a fair and* ***public*** hearing''. Fi kliem l-awtur **Lester & Pannick, Human Rights Law and Practice (1999)** a fol. 146, "*The purpose of this fundamental guartantee is to protect litigants from 'the administration of justice in secret with no public scrutiny', and to maintain public confidence in the courts and the administration of justice, and for this reason the presence of the press is of particular importance''.*

Ghaldaqstant il-pubblicita' minna nfisha m'ghandix titqies bhala raguni li twassal ghal ksur ta' dritt ghal smigh xieraq.

Fit-tieni lok x'impatt jista' jkollha tali pubblicita', jekk tkun tezisti, fuq il-*fairness* tal-process irid necessarjament jigi ezaminat fid-dawl tal-kondotta tal-process fl-intier tieghu u mhux b'ezami *in vacuo* ta' xi aspett wiehed tal-process kif jirrizulta mill-kazistika kemm tal-Qorti Kostituzzjonali **Formosa v. Kummissarju tal-Pulizija (16.04.1973); Spiteri v. Prim Ministru (31.08.1977),** kif ukoll mill-Qorti Ewropea fl-ismijiet **X. v. Switzerland (1982) u l-kaz Kostoski (21.11.1989).**

Fl-ahhar nett tajjeb li jinghad ukoll illi jezisti rimedju ordinarju li r-rikorrent jista' jivvanta quddiem il-Qorti Kriminali u cioe sabiex l-istess Onorabbli Qorti taghti dawk

id-direttivi opportuni lill-gurija u dana sabiex ma tigix influwenzata.

**2. Ix-xhieda moghtija mill-Kummissarju tal-Pulizija**

*Illi fi kliem ir-rikorrent, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija waqt ix-xhieda moghtija quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali semma fatti li ma humiex ammissibbli skond il-ligi, liema fatti jippregudikaw il-pozizzjoni tar-rikorrent.*

Ghal darb'ohra tali allegazzjoni hija ghal kollox infondata: Dan qed jinghad il-ghaliex, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-allegat ''fatti'' li l-esponent Kummissarju tal-Pulizija semma waqt ix-xhieda tieghu, kienu biss bi twegiba ghad-domandi li gew indirizzat lilu mill-Onorabbli Qorti. Li kieku l-esponent Kummissarju ma wegibx, huwa kien ikun hati ta' disprezz lejn il-Qorti.

Ghaldaqstant, kuntrarju ghal dak allegat mir-rikorrent, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija ma ''*holoq''* ebda incident u x-xhieda moghtija f'dan ir-rigward minnu la kienet voluta u wisq anqas premeditata b'intendiment li tippregudikaw il-presunzjoni tal-innocenza tar-rikorrent.

**3. Il-konferenza stampa imsejha mill-Kummissarju tal-Pulizija**

*Illi fi kliem ir-rikorrent, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija kompla jaghti importanza lix-xhieda tieghu waqt konferenza stampa li sejjah huwa stess fejn gew mistiedna l-gurnalisti li taw rapportagg estensiv lill-guri tar-rikorrent.*

Illi fl-ewwel lok, il-konferenza stampa msejha mill-esponent Kummissarju tal-Pulizija kienet wahda minn sensiela ta' konferenza stampa li l-istess esponent isejjah minn zmien ghal zmien lill-gurnalisti, u dan biex jinforma lill-pubbliku bil-hidma li tkun ghaddejja fil-Korp tal-Pulizija, kif ukoll biex iwiegeb ghal dawk id-domandi u jaghti dawk Il-kjarifiki illi l-gurnalisti jressqu quddiemu, prassi ghaldaqstant xejn straordinarja jew spekulattiva.

Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-kontenut ta’ dina l-konferenza stampa kien jitratta diversi temi u ghaldaqstant ma kienetx koncentrata fuq il-guri tar-rikorrent kif qed jipprospetta r-rikorrent.

Illi di piu, ir-risposti li l-esponent Kummissarju tal-Pulizija ta ghal mistoqsijiet tal-gurnalisti kienu ghal kollox legittimi u li bl-ebda mod ma ppregudikaw l-innocenza tar-rikorrent ghal smigh xieraq.

Illi fl-ahharnett, a rigward ir-rapportagg li taw il-gurnalisti in segwitu tal-konferenza stampa, tajjeb illi jigi tenut kont illi kif intqal mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Meinrad Callejja v. Avukat Generali et, deciza 18 ta’ Gunju, 2003),** ‘’*Malta huwa pajjiz hieles u demokratiku, fejn il-liberta’ ta’ l-istampa u tax-xandir jikkostitwixxu dritt fondamentali mnaqqax fil-Kostituzzjoni.”* Ghal dan kollu, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija huwa ghal kollox estraneju, u m’ghandha tigi attribwita ebda kolpa ghal dak li jigi rapportat mill-media.

Ghaldaqstant dina l-allegazzjoni hija wkoll infondata.

**4. L-Imparzjalita’ tal-Onor. Imhallef u x-xoljiment tal-guri**

Il-fatt li l-Onor. Imhallef li qieghed jippresjedi l-proceduri kriminali ppresjeda ukoll il-proceduri li saru fil-konfront ta’ Domenic Bonnici b’ebda mod ma jincidu negattivament fuq l-imparzjalita’ tal-Onor. Imhallef fil-proceduri nizjati kontra r-rikorrent. Dan japplika ukoll in kwantu l-allegat vjolazzjoni hi bbazata fuq il-fatt li l-Onor. Imhallef ippresjeda fil-gurijiet fil-konfront tar-rikorrent li gew xjolti.

Illi kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, a rigward ix-xoljiment tal-proceduri kriminali, l-proceduri gew xjolti mill-Onor. Imhallef proprju sabiex skrupolozament jigu salvagwardjati d-drittijiet kostituzzjonali tieghu. u tar-rikorrent

Illi kieku r-rikorrent kien verament jiddubita mill-imparzjalita’ tal-Onor. Imhallef fil-proceduri kriminali

migjuba kontrih, ir-rikorrent dejjem seta' jissoleva l-eccezzjoni ta' rekuza tal-Onor. Imhallef waqt l-istess proceduri kriminali, izda dan huwa m'ghamlux.

Illi di piu, fir-rikors odjern, ir-rikorrent mhux qed jallega illi l-Onor. Imhallef ppronunzja ruhu fuq xi aspett tal-mertu tal-proceduri li ghaddejjin fil-konfront tieghu, jew li l-Onor. Imhallef huwa b'xi mod ppregudikat kontra tieghu. L-allegat ''*bias*'' li r-rikorrent qed jattribwixxi lill-Onor. Imhallef huwa bbazat fuq il-fatt biss illi l-Onor. Imhallef ippresjeda fuq guri ta' persuna akkuzata b'kompliciita fl-istess reati, u li l-istess Onor. Imhallef ppresjeda fuq guri li gie xolt darbtejn. Dan l-istat ta' fatt fih innifsu ma jitqiesx bhala dubju legittimu ta' pregudizzju li jwassal ghal konkluzjoni illi l-Onor. Imhallef huwa ppregudikat kontra r-rikorrent. (Vide **De Cubber (26.10.1984); Piersack (1.10.1982); Le Compte, Van Leuven and Meyere (23.6.1981); Delcourt (17.1.1970); Hauschildt (24.5.1989); Gillow (27.11.1986); Thomann v.. Switzerland (1996); Ringeisen v. Austria (1971), Bulut v. Austria (1996); ferrantelli and Santangelo v. Italy (1996); u Lawrence Pullicino v. Malta (2000).**

Illi kif gia ben tenut mill-Qorti Ewropea fil-kawza **Lawrence Pullicino v. Malta (Application No. 45441/99)** ''… The existence of impartially for the purposes of Article 6 (1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect.

As to the subjective test, the applicant has not disputed the personal impartiality of the trial judge.

*Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality…*

*The Court observes that the judge who presided at the applicant's trial revoked his bail in the days preceding the trial. The Court is not persuaded by the applicant's assertion that the nature of that decision shaped the judge's view about his credibility and honesty as a witness in the trial proceedings … The determination of that question ultimately lay in the hands of the jurors"*

Illi f'dan il-kuntest huwa opportun ukoll li ssir referenza ghad-dikta ta' l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Meinrad Calleja v. Avukat Generali et, deciza nhar it-18 ta' Gunju, 2003,** fejn a fol. 21, l-Onorabbli Qorti tesprimi ruha b'dan il-mod:

*"Mis-suespost ghandu allura jsegwi li bil-fatt biss li l-istess imhallef li jkun sema xhieda, ikkonduca u ddecieda gurijiet relativi ghall-akkuzati f'kaz jew kazi li jkunu konnessi ma' akkuzi jew delitti dedotti kontra haddiehor, ma jfissirx ukoll b'daqshekk li dak l-imhallef ma baqax u ma jistax jibqa' aktar jitqies li huwa mparzjali jew illi dak il-haddiehor mhux ser jinghata smiegh xieraq. Dan ghaliex kulma jkun sema' u ddecieda dwaru l-imhallef ikun jirreferi u cirkoskritt biss ghall-persuna li tkun giet akkuzata quddiemu u li jkollha l-process ghaddej. Anki jekk ix-xhieda li jkunu telghu jixhdu f'dak il-process ikunu l-istess xhieda li jingiebu kontra akkuzat iehor, ma jfissirx li b'daqshekk il-gudikannt li jkun sema' l-istess xhieda u ddecieda kaz partikolari, tilef l-imparzjalita tieghu b'mod li jigi prekluz milli jghaddi biex jipposjedi fuq guri ta' haddiehor in konnessjoni ma' l-istess fatti tad-delitt."*

Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox frivoli.

Illi l-esponent filwaqt li jgib ghas-suespost a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, jitlob bir-rispett illi t-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda.

Rat id-decizjoni ta' dina l-Qorti a fol 25;

Rat id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali a fol 116;

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

## KONSIDERAZZJONIJIET

### Rikors promotur

Fir-rikors tieghu r-rikorrent talab li din il-Qorti:

(a) tiddikjara li l-fatt li huwa sejjer jgħaddi ġuri quddiem il-Qorti Kriminali kif presjeduta u daqshekk qrib iż-żmien meta ġie xolt il-ġuri ta’ qabel kontrih “sejjer jikkostitwixxi u jinduċi jew jikkostitwixxi” ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif inkorporata fil-Liġijiet ta’ Malta Kapitolu 319 u fil-Kostituzzjoni ta’ Malta, u

(b) konsegwentement, tgħaddi biex tagħti dawk ir-rimedji meħtieġa ħalli d-drittijiet tiegħu jiġu mħarsa mill-preġudizzju serju li nħoloq minħabba l-imsemmija ċirkostanzi, u

(ċ) li tagħti dawk id-direttivi kollha li jidhrilha xierqa u meħtieġa;

### Risposta

Fit-risposta taghhom l-intimati wiegbu li din il-Qorti għandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti billi;

(a) tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali taghha biex tisma’ l-kawża ladarba l-istess rikorrenti ma eżawriex ir-rimedju ordinarju disponibbli għalih;

(b) li l-fatti msemmija mir-rikorrent ma jwasslu għall-ebda ksur ta' xi dritt fundamentali tar-rikorrent kif imħares mill-Konvenzjoni jew mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Sentenza tad 9 ta' Gunju 2006**

Illi b'sentenza ta' dina l-Qorti (diversament presjeduta) tad 9 ta' Gunju 2006 il-Qorti kienet laqghet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati billi qieset li r-rikorrent kellu u għandu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju ieħor effettiv, u ghalhekk għażlet li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skond il-*proviso* tal-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk ħelset lill-intimati milli jibqgħu fil-ġudizzju. Dika l-Qorti kienet iddecidiet li r-rikorrent għad għandu għad-dispożizzjonijiet tiegħu rimedju "oriġinali" insitu fil-proċediment kriminali li huwa msejjaħ jidher għalih u li tali rimedju, minkejja kulma seħħ s'issa, m'huwiex irrimedjabilment kompromess.

**Sentenza Qorti Kostituzzjonali tat-23 ta' Gunju 2006**

Ir-rikorrent kien appella quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u dika l-Qorti kienet laqghet l-appell u rrevokat is-sentenza appellata, u poggiet lill-partijiet fil-posizzjoni li kienu fiha minnufih qabel ma bdiet l-udjenza tat-8 ta' Gunju 2006, u baghtet l-atti lura lill-dina l-Qorti (kif presjeduta) sabiex wara li tisma' l-provi dwar l-allegata *pre-trial publicity*, tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tar-rikorrent fid-dawl tar-rimedji specifici minnu indikati fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2006 -- salv dejjem xi rimedju aktar xieraq li din il-Qorti jkun jidhrilha opportun -- u fuq l-eccezzjonijiet kollha (inkluza, ghalhekk, fuq l-ewwel wahda bbazata fuq il-*proviso* tal-Artikoli 46(2) u 4(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 rispettivament) tal-intimati .

Il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti billi rriteniet li din ghaddiet biex iddeklinat li tezercita s-setghat taghha minghajr ma hija semghet imqar xi prova jew provi dwar *pre-trial publicity* li semma r-rikorrent.

F'dan is-sens il-Qorti Kostituzzjonali kkwalifikat is-sentenza tal Prim Awla bhala wahda "intempestiva"

**Ir-rikorrent kien indika s-segwenti rimedji:**

1. li jghaddi ftit aktar zmien qabel ma jigi celebrat il-process li jmiss biex b'hekk il-memorja tal-gurati potenzjali tkun kemm jista' jkun nieqsa minn dak li setghu semghu u saru jafu mill-processi gja mibdija izda abortiti; u

2. li l-process penali tar-rikorrenti appellant jigi eventwalment celebrat quddiem Imhallef minghajr gurati.[1]

## Fatti

Ir-rikorrent jinsab mixli b'reati partikolari. Inbdew proċedimenti kontrih dwar dawk ir-reati quddiem il-Qorti Kriminali. Għal darbtejn, dawk il-proċedimenti twaqqfu meta, għal raġunijiet differenti, l-ġuri ġie xolt. Il-guri llum jinsab differit *sine die* riappuntabbili wara li jigu konkluzi dawn il-proceduri.

Ir-rikorrent qed jibbaza l-ilmenti tieghu fuq tliet ċirkostanzi specifici (1) li ngħatat pubbliċita' fil-ġbir ta' xhieda ta' persuna kompliċi mar-rikorrent fir-reati li hu mixli bihom; (2) li ngħatat pubbliċita' lix-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Editorial Meeting li zamm wara x-xoljiment tat-tieni ġuri; u (3) li l-imħallef li quddiemu sejjer jinżamm il-ġuri tar-rikorrent, huwa l-istess wiehed li ippresjeda l-ġuri ta' persuna li kienet kompliċi fir-reati li huwa mixli bihom, u kif ukoll il-ġudikant li ppresjeda ż-żewġ ġurijiet li nbdew fil-konfront tieghu u li ġew xolti.

## Lezjoni ta' drittijiet fundamentali allegati mir-rikorrent

[1] It-tieni rimedju indikat mir-rikorrent li huwa jinghata l-fakulta' li jigi gudikat mill-Qorti Kriminali minn Imhallef minghajr gurati, jista' jinghata biss bhala rimedju kostituzzjonali u straordinarju billi l-Qorti Kriminali hija prekluza milli taghti dan ir-rimedju. (Ara Art 436(6) Kap 9.

Ir-rikorrent qed isostni li r-rapportagg estensiv tal-kaz tieghu fil-gazzetti, fuq it-televizjoni, fuq ir-radju, fuq is-siti elettronici u f'Editorial Meeting tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-kors tal-process tieghu quddiem l-Qorti Kriminali jikkostitwixxi ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ghalhekk iz-zamma tal-proceduri kriminali fi zmien vicin ta' l-istess rappurtagg sejjer jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-istess artikoli u menomazzjoni ta' dik l-oggettivita' u imparzjalita' li wiehed jippretendi minn dawk li jservu bhala gurati u inoltre jxejjen il-presunzjoni ta' l-innocenza fil-konfront tieghu.

Il-lezjoni li r-rikorrent qed jilmenta minnha tikkonsisti li fir-rigward tax-xoljiment ta' l-ewwel guri x-xhieda li persuna ohra, akkuzata bl-istess reati, lahaq giet rappurtata b'mod estensiv fil-midja bhala fatt b'tali mod li dik ix-xhieda tefghet akkuza ta' htija fuq ir-rikorrent billi dan ix-xhud xehed li r-rikorrent  kien partecipi fir-reat in kwisjtoni.

Fir-rigward tax-xoljiment ta' tieni guri regghet inghatat xhieda li skond il-ligi ta' procedura kriminali ma hijiex ammissibbili, liema xhieda giet mgharfa lill-membri tal-gurija u l-konsegwenti rappurtagg gharraf il-pubbliku b'dina x-xhieda.

Ghalhekk skond ir-rikorrent hemm biza' car li l-fatti li gja sehhew jirrendu l-process tieghu bhala wiehed instabbli u l-futur verdett bhala wiehed *unsafe.*

**Ligi**

Ir-rikorrrent qed jallega li gie lez id-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq skond l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni senjatament id-dritt tieghu tal-prezunzjoni ta' l-innocenza u d-dritt li jigi gudikat minn tribunal imparzjali.

<u>L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovvdi li:</u>

(1) "*In the determination of his civil rights and obligations or of <u>any criminal charge</u> against him, everyone is entitled*

*to a fair and <u>public hearing</u> within a reasonable time by an independent and <u>impartial tribunal</u> established by law*.

(2) "*Everyone charged with a criminal offence shall be <u>presumed innocent</u> until proved guilty according to law*."

<u>L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jghid:</u>

(1) *Whenever any person is charged with a criminal offence he shall, unless the charge is withdrawn, be afforded a fair hearing within a reasonable time by an independent and impartial court established by law.*

**Tikkunsidra**

Il-Qorti semghet il-provi mressqa mill-partijiet dwar x'forma hadet il-publicita` imsemmija mir-rikorrent, x'intqal fl-Editorial Meeting[2] tal-Kummissarju tal-Pulizija, u meta l-ahhar li kien hemm xi pubblicita`dwar il-kaz tar-rikorrent.

Ir-rikorrent isostni li l-publicita' u xandir ta' dawn il-proceduri taw lok ghal vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq billi jnaqqsu minn dik l-imparzjalita' li hija mistennija minn kull tribunal u jxejnu l-prezunzjoni ta' l-innocenza. Hu jirritjeni li sofra pregudizzju rrimeddjabbili u m'ghandux rimedju ordinarju jekk jappella mill-verdett kif qed isostnu l-intimati billi il-Qorti ta' l-Appell Kriminali hija biss procedura fil-kamp tal-ligi kriminali m'ghandiex il-gurisdizzjoni u l-kompetenza li tissindika jekk dawk il-proceduri li sehhew fil-Qorti ta' l-ewwel grad kienux jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja.

**Rimedju ordinarju**

Dwar il-principji li jirrigwardaw l-akkoljiment o meno tal-eccezzjoni li persuna ghandha rimedju disponibbili

[2] Isiru tnejn u tlieta minnhom fis-sena. F'editorial meetings ikunu mistiedna l-gurnalisti biex jitkellmu fuq liema suggett li jridu. Ma jkunx hemm suggett tal-laqgha ndikat minn qabel. Il-guri ta' Brian Vella issemma f'Editorial Meeting wiehed u Press Conferences fuq il-kaz ma sarux.

ghalhiha l-Qorti taghmel referenza ghal principji imsemmija fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti tad-9 ta' Gunju 2006 a fol 28 sa 31 tal-process li maghhom dina l-Qorti taqbel.

Meta jkun hemm eccezzjoni bhal din, il-Qorti trid tara jekk ir-rikorrent ghandux bhala fatt rimedju ordinarju disponibbli ghalih, imbaghad tezamina jekk dak ir-rimedju hux wiehed effettiv u effikaci. Il-Qorti tasal imbaghad biex tiddeciedi jekk tezercitax id-diskrezzjoni taghha wara li tisma' provi li jaghtuha stampa cara dwar dak li verament sehh. Jekk ikun desiderabbili li tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jekk il-mezz ikunx wiehed xieraq skond dawk ic-cirkostanzi.[3]

**Pubblicita'**

Fil-kaz in ezami ir-rikorrent jissottometti li gew pubblikati numru konsiderevoli ta' artikoli fuq il-mezzi kollha tal-media, fuq medda ta' zmien, li bdew mi-bidu tal-proceduri kontra tieghu u baqghu ghaddejin b'mod kontinwu. Skond ir-rikorrent dawn l-artikoli gew segwiti mill-maggjoranza tal-pubbliku u l-kontenut ta' dawn l-artikoli ma kienx wiehed imparzjali, billi mhumiex rakkonti biss ta' dak li gara, imma jirrakkontaw bhala stat ta' fatt li r-rikorrent serva zmien il-habs u li huwa hati bhala komplici fl-akkuzi migjuba kontra tieghu u fliema cirkostanzi gara dana u gie anke enfasizzat li tali informazzjoni inghatat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Skond ir-rikorrent dan il-process inghata ferm aktar pubblicita' milli s-soltu jinghata process kriminali u l-fatt li l-guri gie xjolt darbtejn kompla zied il-pubblicita'. Hu jghid li dan ix-xoljiment ma sarx bi htija jew bhala effett ta' xi agir abbuziv tieghu.

Il-Qorti ezaminat id-dokumenti ezibiti u semghet ix-xhieda dwar din il-kwistjoni tal-allegata publicita' estensiva li r-rikorrent jghid li nghatat u li ppregudikatu irremedjabilment.

---

[3] Q.K. Abela vs Kum.Art. 16/4/2007.

Mill ezami tad-dokumenti ezibiti jirrizulta li dwar l-ewwel guri fl-artikoli saret referenza indiretta ghalih meta sar ir-rappurtagg fuq it-tieni guri li gie xjolt (ezempju ta' dan jidher fit-titolu ta' l-artiikolu li deher: "Double Murder Trial Opens"; "Double Murder Trial Dissolved".

Dwar it-tieni guri jirrizulta li l-media kienet irrappurtat il-kaz kif svolga fill-Qorti u saret referenza ghall l-ewwel guri li kien gie xjolt. Il-media rrappurtat dak li gara fil-Qorti kif ukoll ix-xhieda li nstemghet (fost ohrajn dik tal-Kummissarju tal-Pulizija u ta' Bonnici) liema xhieda huma setghu jirrappurtawha bhala parti mill-proceduri tal-Qorti billi ma kien hemm ebda divjet ta' pubblikazzjoni. (Bhala ezempju hemm l-artikoli li dehru bit-titolu "Double Murder Retrial Starts", "Double Murder Retrial Dissolved Again").

Mix-xhieda prodotta jirrizulta li ma saret ebda oggezzjoni minn hadd dwar dak li xxandar fuq il-mezzi tax-xandir lanqas li kien hemm xi feedback mill-qarrejja jew semmiegha dwar il-kaz.

Il-tieni guri gie rappurtat fil-gazzetti u hafna drabi ma giex rappurtat bhala l-*main item* u mhux il-gazzetti kollha gabu rapport dwaru. Deher artikolu bhala *front page* meta l-guri gie xolt it-tieni darba u dana billi kienet xi haga eccezzjonali (ara fol. 280). F'okkazzjonijiet ohra il-kaz deher fuq il-parti ta' fuq gewwa tal-gazzetta (ara fol 210; 226;239; 336; fol 352 – u kien hemm okkazzjonijiet fejn kienet qed tinghata aktar prominenza lill guri iehor cjoe dak ta' Meinrad Calleja – ( fol 253; 268). Diversi drabi l-kaz deher fil-pagna bhala *Court report* biss.

Mid-dokumenti ezibiti u mix-xhieda prodotta ma jirrizultax li kien sar xi program specifiku/dibattitu/intervisti dwar il-guri in kwistjoni jew inkiteb xi editorjal fuqu.

Gie rappurtat dak li qal id-difensur tar-rikorrent lill-press[4] u l-kawza kostituzzjonali li hu fetah u l-posponimenti tal-guri

[4] Il-Kummissarju xehed : *Ghandi l-impressjoni li kien ukoll anke l-istess avukat difensur li meta gie xjolt il-guri hareg quddiem il-Qorti.. Niftakar li kienet saret ukoll xi dikjarazzjoni.*

li kien qed jitlob. Giet rappurtata wkoll il-dikjarazzjoni li kien ghamel il-kelliem ta’ l-oppozizzjoni dwar dan il-kaz wara li l-guri gie xjolt ghat-tieni darba u l-*Press Release* li nharget min naha ta’ l-intimat Kummissarju tal-Pulizija biex jikkorregi dak li qal Dr. Gulia.

Inzamm *Editorial Meeting* mill-Kummissarju tal-Pulizija fit-13 ta’ Jannar 2006 li gie rapportat mill-media. Dak li intqal dwar il-kaz tar-rikorrent fl-Editorial Meeting deher fil-pagni ta’ gewwa tal-gurnali ezibiti u mhux fil- *front page*. Artikolu minnhom kien igib it-titolu: “*No Crisis in law and order, police chief insists*” (ara fol 317).

Fil-gurnali ezibiti gew rappurtati wkoll l-azzjonijiet li ha r-rikorrent in segwitu ghax-xoljiment tat-tieni guri, azzjonijiet li r-rikorrent kellhu kull dritt li jiehu izda li wkoll attiraw l-attenzjoni tal-Media u gew rappurtati ghalhekk ziedu fil-pubblicita’. Fost l-artikoli li dehru kien hemm dawn bit-titoli:

*“Accused claims irreparable prejudice” (Rikors Kostituzzjonali)*
*“Murder suspect seeks to stop criminal proceedings”*
*“Double Murder Trial delayed by one week”.*
*“Civil Court dismissed Constitutional Application”*
*“Constitutional Court overturns judgment of First Hall”*
*“Double Murder Trial deferred sine die”.*

**Tikkunsidra**

Dina l-Qorti trid tezamina l-eccezzjoni ta’ l-intimati li r-rikorrent kellu rimedji ordinarji ghal ilment tieghu li gie lez id-dritt tieghu tal-prezunzjoni ta’ l-innocenza u d-dritt li jigi gudikat minn tribunal imparzjali fid-dawl ta’ jekk kienx hemm fil-kaz in ezami pubblicita’ pregudizzjevoli fil-konfront tieghu bir-rappurtagg li sar.

Skond l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-publicita’, fil-proceduri kriminali, hija parti integrali mid-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq u mhiex xi haga li hija bil-fors negattiva. Il-Qorti Ewropeja taccetta mhux biss li jkun hemm rappurtagg ta’ proceduri kriminali imma anke li

jsiru kummenti  dment li dawn ma jmorrux oltre dak li hu accettat fl-interess tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali f'dina l-kawza fis-sentenza tat 23 ta' Gunjuu 2006:

"Ma hemmx dubbju li fil-generalita` tal-kazijiet is-semplici rappurtagg ta' proceduri gudizzjarji, anke jekk akkumpanjati ghal xi zmien b'xi kummenti, ma jistghux jitqiesu fihom infushom li b'xi mod jippregudikaw il-process gudizzjarju li jkun jinvolvi l-gurati. Wara kollox, salv l-eccezzjonijiet meta, skond il-ligi, isiru divjeti tal-pubblikazzjoni, huwa dritt tal-gurnali u tal-mezzi tax-xandir in generali li jirrapurtaw *fairly and accurately* u li jghaddu lil haddiehor dak li jsir fi proceduri penali, daqs kemm huwa d-dritt tac-cittadin, hu min hu, li jircievi dik l-informazzjoni".

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-guri tar-rikorrent gie rapportat bhal kull guri iehor, kif jirrizulta mid dokumenti ezibiti. Inghatat pubblicita' ftit aktar mis-soltu billi dan kien it-tieni guri li kellu r-rikorrent li kien se jigi celebrat u wara, gie rappurtat ukoll bhala t-tieni wiehed li gie xolt.  Ghalhekk wiehed kien jistenna li minhabba l-interess fil-kaz kien se jkun hemm interess aktar mis-soltu u li r-rappurtagg dwaru se jigbed l-attenzjoni tal-qarrejja. Ir-rapporti li dehru fil-gurnali u fil-*websites* kienu jirrigwardaw  dak li sar  u ntqal fl-Awla Kriminali bhal ma jigri kull meta jigi rappurtat guri. Ir-referenza ghar-rikorrent fl-artikoli kienet dejjem bhala suspettat u mhux bhala hati.

<u>L-ewwel Guri</u>

Dwar ix-xoljiment ta' l-ewwel guri r-rikorrent qed jilmenta x-xhieda li persuna ohra, akkuzata bl-istess reati, lahaq ta giet rappurtata b'mod estensiv fil-midja bhala fatt b'tali mod li dik ix-xhieda tefghet akkuza ta' htija fuq ir-rikorrent billi dan ix-xhud xehed li r-rikorrent  kien partecipi fir-reat in kwisjtoni.

Il-Qorti tirrileva li kif gja nghad il-media kienet irrappurtat dana l-kaz bhala rapport mill-Qorti fejn gie rappurtat  dak li

sar u nqtal fil-Qorti u l-media kellha dritt li tirrapporta dak li ntqal billi ma kien hemm ebda divjett ta' pubblikazzjoni. Ma jirrizultax lanqas li xi hadd oggezzjona dak iz-zmien ghar-rappurtagg li sar.

Jigi rilevat inoltre li minhabba certa xhieda li ntqalet waqt il-guri u li saret referenza ghaliha, l-Qorti Kriminali, bhala rimedju ghar-rikorrent u biex ma jigiex pregudikat, kienet ordnat li l-guri jigi xjolt.

Bil-proceduri prezenti r-rikorrent qed jallega ksur ta' dritt tieghu ghal smigh xieraq anke fir-rigward ta' l-ewwel guri li kien gie xjolt, pero' fiz-zmien meta allegatament gie lez id-dritt tieghu hu ma kien ghamel xejn aktar. Nonostante l-allegati nuqqasijiet u r-rappurtagg dwarhu, hu ma ha ebda azzjoni biex jikkontrolla b'xi mod dik l-allegata illegalita' kif kellu dritt jaghmel quddiem l-Qorti ordinarja.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Teddy sive Jude Taddeo et vs L-Avukat Generali deciza fit 2 ta' Frar 2007 l-ezistenza ta' rimedju effettiv "*jrid jitqies fiz-zmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwar jitressaq l-ilment u mhux fiz-zmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali".* Dan ir-rikors kostituzzjonali gie prezentat fis-sena 2006 mentri l-ewwel guri kien fit 2004.

<u>Tieni Guri</u>

Fir-rigward tax-xoljiment ta' tieni guri r-rikorrent qed jilmenta li regghet inghatat xhieda li skond il-ligi ta' procedura kriminali ma hijiex ammissibbili, liema xhieda giet mgharfa lill-membri tal-gurija u l-konsegwenti rappurtagg gharraf il-pubbliku b'dina x-xhieda. Hu jsostni li l-Kummissarju tal-Pulizija fix-xhieda tieghu ndika li r-rikorrent kien qieghed il-habs u b'hekk ta x'jifhem li r-rikorrent kien qed iservi piena moghtija lilu minflok li kien il-habs jistenna l-ezitu ta' dawn il-proceduri u konsegwentement gie mahluq pregudizzju serju fil-konfront tar-rikorrent.

Dwar dak li gara l-Qorti Kriminali fl-interess tar-rikorrent u bhala mizura prekawzjonali kienet iddecidiet li terga' xxolji

l-guri. F'dan is-sens ir-rikorrent kien inghata rimedju izda r-rikorrent qed jikkontendi f'dawn il-proceduri li b'dak li gara u bil-pubblicita' li nghatat il-kaz tieghu gie pregudikat irremedjabbilment.

Jigi rilevat li fl-ebda stadju l-Qorti Kriminali ma ddikjarat li x-xhieda li ta l-Kummissarju tal-Pulizija kienet wahda inammissibili. Il-Kummissarju kien irrisponda ghad domandi li sarulu mill-Qorti Kriminali[5] u in vista ta' dak li nqtal dik il-Qorti hasset li kien fl-interess tar-rikorrent u bhala rimedjui li l-guri jerga' jigi xjolt. Izda l-fatt li l-guri gie xjolt bhala prekawzjoni fl-interess tal-akkuzat ma jfissirx li x-xhieda tal-Kummissarju kienet giet dikjarata inammissibili.

Il-Kummissarju tal-Pulzija tkellem fuq il-kaz tar-rikorrent fl' *Editorial Meeting* li nzamm fit 13 ta' Jannar 2006. Fih l-Kummissarju tal-Pulizija wiegeb ghal dak li ntqal minn Dr. Gulia dwarhu u qal li Dr. Gulia ma kienx korrett billi l-ewwel guri kien gie xjolt ghal ragunijiet differenti mit-tieni wiehed. Il-kummissarju insista li hu ma kienx ser jikkummenta dwar il-mertu tat-tieni guri biex ma jippregudikax il-kaz.[6]. Fl-*Editorial Meeting* hu ma kienx

---

5 Il-Kummissarju spejga li wara li kien ha promotion u sar Kummissarju kien wasallu messagg li Brian Vella xtaq ikellmu pero' ma kienx jaf fuq x'hix. Kien laqa' t-talba tieghu u peress jiftakar li dan kien il-habs dak iz-zmien hu laqa' t-talba tieghu.

**Mistoqsi mill-Qorti: "Il-habs jistenna fuq din il-kawza, naturalment?**

**Kumm: Jista' jkun, fuq din zgur, pero' kellu kawzi ohrajn imma mhux ha nidhol fiha dik...**

**Qorti: Ahna, sa fejn naf jien, kien qieghed il-habs jistenna fuq din il-kawza...**

**Kumm: OK**

**Avukat Difensur: Fuq din il-kawza.**

**Kumm: Ok**

6 Il-Kummissarju xehed li : *Hu ma kienx tkellem fuq il-guri in kwistjoni. Kellmint biss b'referenza ghal stqarrija li kien ghadu kemm hareg dak iz-zmien l-ispokesman ta' l-intern ta' l-opposizzjoni, flimkien ma Mr.Mizzi.Kienet saret riferenza mill-gurnalisti ghal Press Release li jiena kont hrigt il-gurnata ta' qabel , u kienet saret ukoll riferenza ghax-xoljiment tal-guri li l-istess dak iz-zmien avukat difensur kien ghamel, kien tkellem fuq il-press, fuq il-media, fejn giet akkuzata l-persuna tieghi fil-kapacita' tieghi ta' Kummissarju ghax xoljiment li kien hemm f'dawk il-gurijiet. Jiena saruli diversi mistoqsijiet u ghal ebda raguni ma tkellimt fuq it-tieni xoljiment, fl-ebda hin, u kont ghidt li d-dikjarazzjoni li kien ghamel dak iz-zmien Dr.Gulia, ma kienitx korretta.* (Ghal *Press Release* ara fol 629)

tkellem fuq dan il-kaz biss imma fuq diversi suggetti ohra. (fol 514 -553).

Jirrizulta ghalhekk li fuq il-kaz tax-xoljiment tat-tieni guri ma kienx tkellem biss l-intimat, il-Kummissarju tal-Pulizija, imma tkellmu anke l-ispokesman ta' l-intern ta' l-opposizzjoni u d-difensur tar-rikorrent.

Skond il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:

*"The presumption of innocence may be infringed not only by a judge or court but also by other public authorities (Daktaras v. Lithuania). In the above mentioned Daktaras case the Court emphasised the importance of the choice of words by public officials in their statements before a person has been tried and found guilty of an offence. Nevertheless, whether a statement of a public official is in breach of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made".*

Mill-provi prodotti l-Qorti tikkonkludi li fil-kaz tar-rappurtagg tat-tieni guri, il-media kien irrappurtat dak li kien gara fil-Qorti u x-xhieda li nghatat u c-cirkostanzi li fihom inghatat, liema xhieda qatt ma giet dikjarata inammissibbili. Inoltre l-Kummissarju tal-Pulizija kien kawt fil-ghazla tal-kliem li uza fl-*Editorial Meeting* biex b'dak li jghid ma jippregudikax il-kaz tar-rikorrent u jillimita ruhhu biex jikkorregi diskors li ntqal u li hu rritjena li ma kienx korret.

Dwar il-kaz gew ezibiti diversi rapporti li saru izda minnhom il-Qorti mhiex f'posizzjoni li tikkonkludi u lanqas gie pruvat kif il-pubbliku gie fil-fatt influwenzat b'dak li ntqal u inkiteb. Id-dokumenti juru x'informazzjoni ghaddiet lill pubbliku fuq il-mezzi differenti ta' xandir f'dati specifici. Inoltre l-fatt li gazzetta jew *website* tindika li ghandha certu numru ta' qarrejja ma jfissirx li dawn il-qarrejja kollha fittxew il-kaz ta' Brian Vella jew li kollha gew inflwenzati minn dawk l-artikoli. Mhux eskluz lanqas li r-*readership* li giet indikata, ma kinitx ta' l-artikolu partikolari imma tal-gazzetta jew tal-*website as a whole*.

Il-Qorti taghmel referenza ghad dokument  li jindika l-*access* ghas site tal- Malta Today  u  fost l-ewwel ghaxra, l-kaz ta’ Brian Vella ma jiffigura imkien (xiehda ta’ Savour Balzan fol 464).  A fol 569  gie ezibit id-Dok CDS1  fejn hemm indikat liema kienu l-aktar ghaxar artikoli li nqraw mill-pubbliku fuq is-sit tal internet tat-Times fis-sena 2006 u l-ebda artikolu dwar il-guri tar-rikorrent ma jiffigura hemm.

Taht dan l-aspett ghalhekk l-Qorti tikkonkludi li ma giex pruvat li l-pubblicita’ fil-media ippregudikat irremedjabilment il-kaz tar-rikorrent.

<u>Imparzjalita’ ta’ l-Imhallef u gurati</u>

Ir-rikorrent jilmenta wkoll li mhux se jkollu smiegh xieraq billi  l-imħallef li quddiemu sejjer jinżamm il-ġuri tieghu huwa l-istess wiehed li ippresieda l-ġuri ta’ persuna li kienet kompliċi fir-reati li huwa mixli bihom, kif ukoll il-ġudikant li ppresieda ż-żewġ ġurijiet li nbdew fil-konfront tieghu li ġew xolti.

Illi gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna li fatt biss li l-istess imhallef li jkun sema xhieda, ikkonduca u ddecieda gurijiet relativi ghall-akkuzat f’kaz jew kazi li jkunu konnessi ma’ akkuzi jew delitti dedotti kontra haddiehor, ma jfissirx ukoll b’daqshekk li dak l-imhallef ma baqax u ma jistax jibqa’ aktar jitqies li huwa mparzjali jew illi dak il-haddiehor mhux ser jinghata smiegh xieraq[7].

Dwar dana l-ilment r-rikorrent kellu a disposizzjoni tieghu u ghad ghandu, rimedju ordinarju billi hu jista’ jissolleva l-eccezzjoni dwar ir-rekuza ta’ l-Imhallef.  Hu setgha ssolleva din l-eccezzjoni izda dana m’ghamlux. Din l-eccezzjoni ghada disponibbili ghalih.

Ir-rikorrent jirritjeni wkoll li huwa se jsofri pregudizzju rrimeddjabbili ghax m’ghandux rimedju ordinarju  billi ghalkemm hemm l-possibilita’ li jappella mill-verdett,  il-

[7] Meinrad Calleja vs Avukat Generali  18.6.2003 Q.K.

Qorti ta' l-Appell Kriminali hija biss procedura fil-kamp tal-ligi kriminali u m'ghandiex il-gurisdizzjoni u l-kompetenza li tissindika jekk dawk il-proceduri li sehhew fil-Qorti ta' l-ewwel grad kienux jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja.

Dwar dana l-punt dina l-Qorti taghmel referenza ghal dak li gja gie deciz minn dina l-Qorti fl-ewwel sentenza taghha fejn irrimarkat li dana l-argument jisposta l-parametri tal-kwestjoni li għandna quddiemna. Hi qalet hekk:

*"Huwa mistenni u preżunt li l-proċediment quddiem kull Qorti jitmexxa b'mod li jħares id-dritt ta' smigħ xieraq, u dan b'ħarsien tar-regoli u rimedji proċedurali li kull Qorti għandha s-setgħa li taħdem taħthom. M'huwiex għalhekk preżunt li Qorti li ma tkunx ta' kompetenza "kostituzzjonali" se' tkun minnufih miżmuma milli, fit-tmexxija ta' kawża li jkollha quddiemha, tara li l-jedd ta' smigħ xieraq tal-partijiet li jidhru quddiemha jitħares tassew".*

Dik il-Qorti imbaghad irriferit ghal perikolu li fuq xilja li procediment jista' jkun imtebba bil-pregudizzju tan-nuqqas ta' smigh xieraq, Qorti tista' tkun qed tigi mizmuma milli twettaq xogholha. Saret referenza ghall kaz. *Kost. Micallef vs Avukat Generali 9 ta' Ottubru 2001 fejn gie deciz li :*

*"M'għandu jkun qatt li din il-Qorti, fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħha, jkollha d-dritt li tistħarreġ il-mertu u l-mod kif xi Qorti oħra għandha tinterpreta jew tapplika l-liġi u dan taħt l-iskuża li b'hekk ikun qiegħed jitħares il-jedd ta' smigħ xieraq kif iridu l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni."*

L-intimati jsostnu wkoll li r-rikorrent ghandu dawn ir-rimedji ordinarji u li fis-sistema tal-guri jezisti l-mekkanizmu necessarju f'dawk il-proceduri gudizzjarji ordinarji sabiex l-allegat biza ta' pregudizzju jkun rimedjat minghajr il-htiega li jirrikorri ghal rimedji kostituzzjonali u konvenzjonali.

Il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent ghandu rimedju ordinarju quddiem il-Qorti kriminali billi l-Imhallef li jippresjedi l-guri ghandu l-obbligu li jaghti dawk id-direzzjonijiet lill gurija, biex tiskarta dak kollu li seta intqal jew inkiteb barra mill-Qorti, u li gurati joqghodu biss fuq il-provi, ammissibli li ngabu biss quddiem il-Qorti[8].

Din il-Qorti terga' taghmel referenza ghal dak li ntqal minn Lord Hope of Craighead fis-sentenza tal-Privy Council tad-19 ta' Ottubru 2000 fil-kawza fl-ismijiet Montgomery and Coulter v. H.M. Advocate and the Advocate General for Scotland, li l-Qorti Kostituzzjonali rriferit ukoll ghaliha fis-sentenza taghha.

*The principal safeguards of the objective impartiality of the tribunal lie in the trial process itself and the conduct of the trial by the trial judge. On the one hand there is the discipline to which the jury will be subjected of listening to and thinking about the evidence. The actions of seeing and hearing the witnesses may be expected to have a far greater impact on their minds than such residual recollections as may exist about reports about the case in the media. This impact can be expected to be reinforced on the other hand by such warnings and directions as the trial judge may think it appropriate to give them as the trial proceeds, in particular when he delivers his charge before they retire to consider their verdict.*

*The entire system of trial by jury is based upon the assumption that the jury will follow the instructions which they receive from the trial judge and that they will return a true verdict in accordance with the evidence.*

Fil-fehma ta' dina l-Qorti fil-kaz in ezami s-sitwazzjoni hija tali li b'direzzjoni attenta ta' l-Imhallef li ser jimexxi l-guri tar-rikorrent dan ghad jista' jinghata smigh xieraq minn tribunal imparzjali bis-salvagwardja ta' presunzjoni tal-innocenza tieghu. Diga l-Qorti Kriminali uriet is-serjieta' li biha mxiet biex id-drittijiet tar-rikorrent jigu salvagwardjati billi xoljiet il-guri darbtejn. Apparti dana r-rikorrent jibqalu

[8] Ara Artikikolu 465 tal-Kap 9

r-rimedju li jista' jappella mill-verdett skond l-artikolu 501 tal-Kap 9 quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali li tista' tiddeciedi aggravji li l-akkuzat jista' jkollu dwar kif imxiet il-gurija, ix-xhieda prodotta u l-imparzjalita' tal-gudikant.

Ghalhekk  il-Qorti tikkonkludi li mhux il-kaz li dina l-Qorti taghti xi rimedju bhal dak li qed jitlob ir-rikorrent biex bhala mizura straordinarja hi tordna li l-guri jigi celebrat minn Imhallef wahdu, nonostante li dan mhux possibili skond il-Kodici Kriminali.

Fl-ahharnett l-Qorti tosserva li wara li dan il-process gie ghand din il-Qorti kif presjeduta f'Lulju 2006 hi appuntat l-ewwel smigh tieghu ghall 25 ta' Ottubru 2006 biex fil-frattemp kif jissemma fis-sentenza appellata, *The lapse of time since the last exposure may increasingly be regarded, with each month that passes, in itself as some kind of a safeguard.* Tul dawn il-proceduri ftit li xejn inghata pubblicita' lill kaz[9], u l-Qorti thoss li issa li ghaddiet aktar minn sena minn meta gie xjolt it-tieni guri, mhemmx lok li jinghata provvediment fuq il-lamentela tar-rikorrent li jekk jigi celebrat guri iehor dan ser ikun qrib wisq l-ahhar wiehed li gie xjolt.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi illi
Ilum li ghaddiet aktar minn sena minn meta gie xjolt it-tieni guri ma hemmx aktar lok ghad dikjarazzjoni mitluba mir-rikorrent li l-fatt li huwa sejjer jghaddi guri  daqshekk qrib iż-żmien meta ġie xolt il-ġuri ta' qabel kontrih "sejjer jikkostitwixxi u jinduċi jew jikkostitwixxi" ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta Kapitolu 319 u fil-Kostituzzjoni ta' Malta.

[9] Il-Qorti tispera li jsir l-istess dwar dina s-sentenza biex jigu evitati kwistjonijiet ohra.

Stante pero’ li l-guri kien gie differit *sine die* meta kien gja gie prezentat dana r-rikors, l-ispejjez ta’ dina t-talba ghandhom ibatuhom l-intimati.
Kwantu ghat talba biex jigi dikjarat li l-fatt li r-rikorrent sejjer jgħaddi ġuri quddiem il-Qorti Kriminali kif preseduta mill-istess Imhallef, il-Qorti tqis li r-rikorrent kellu u għandu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju ieħor effettiv u ghalhekk tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skond il-*proviso* tal-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta.
Spejjez ta’ dina t-talba ghar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------